## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kevin Christopher Agius**
**(K.I. 28685M)**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Kevin Christopher Agius**, iben Joseph Anthony u Yvonne nee' Ancilleri, imwieled fit-30 ta' Diċembru 1968 u residenti fi 20, Telgħet il-Foss, Birgu c/o Magic Prices, Triq il-Karmnu, Fgura, detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 28685(M), u akkużat talli

1. bħala s-sid tas-soċjetà kummerċjali Magic Price ta' Triq il-Karmnu, Fgura talli bejn l-10.08.2016 u l-10.06.2017 bil-lejl ġewwa l-Fgura kiser il-mistrieħ tan-nies (Mary Schembri) bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9;

2. Talli fl-istess ċirkostanzi mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra tal-liġi li tapplika dwar attività kummerċjali, kiser liċenzja maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandha tkun soġġetta għall-

kondizzjonijiet li japplikaw kif inhuma mniżżla fit-Tieni Skeda partikolarment il-kondizzjonijiet stipulati fil-klawsoli numru 2.1 u 8 tat-Tieni skeda ntitolata Kondizzjonijiet għall-Ġestjoni ta' Attivita' Kummerċjali bi ksur ta' Artikolu 15(2) tal-L.S 441.07.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika Regolament 48 [illum 58] tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (L.S 441.07) u Artikoli 18(1) u 20 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Kapitolu 441).

Rat is-Sentenza erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ġunju 2023 fejn għall-motivi hemm spjegati rrevokat is-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppio esame, irrinvijat l-atti lil din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2023 il-partijiet informaw lill-Qorti illi l-parte ċivile m'għadhiex tirrisjedi fil-fond fejn kienet tirrisjedi fil-mumenti meta allegatament seħħew ir-reati *de quo* u jidher li m'għadx għandha interess f'dawn il-proċeduri.

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat għandu jiġġestixxi ħanut bl-isem ta' "Magic Prices" ġewwa Triq tal-Karmnu, Fgura filwaqt li l-parte ċivile Maria sive Mary Schembri tirrisjedi f'appartament li jiġi sovrstanti għall-istess ħanut. Skont il-kwerela magħmula mill-parte ċivile, l-akkużat għandu żewġ kumpressuri tal-*air conditioners* li qegħdin fil-bitħa interna ta' fejn hi tirrisjedi li qed jikkawżaw ħafna ħsejjes. Tgħid li ilha tissaporti dawn il-ħsejjes għal diversi xhur. Filfatt ngaġġat il-Perit Mario Cassar sabiex iħejji rapport dwar dawn l-allegati ħsejjes u minn dan ir-rapport jirriżulta illi l-ħsejjes minnu rrekordjati jikkostitwixxu fastidju/disturbi għall-kwerelanta. Dan ir-rapport kien

mehmuż mal-kwerela tagħha. Tgħid li għalkemm kellmet lill-akkużat diversi drabi u hu qalilha li ser jirranġa kollox, hu baqa' rranġa xejn.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017, il-Qorti ħatret lil Prof. Joseph Agius sabiex jeżamina l-allegati ħsejjes li qed tilmenta minnhom il-parte civile. Għalkemm il-Prof. Agius għamel żewġ rapporti dwar l-aċċessi li għamel, wieħed minnhom peress li allegatament il-kumpressuri tneħħew minn fejn kienu, id-difiża ma setgħetx tagħmel il-kontro-eżami tiegħu u b'hekk, il-Qorti, fl-10 ta' Marzu 2020, ħatret lill-Perit Valerio Schembri sabiex jerġa' jwettaq dan l-inkarigu. Filfatt huwa mar fuq is-sit in kwistjoni fit-03 ta' Settembru 2020 u kkonkluda s-segwenti:

a. Meta l-aperturi tal-Kamra tas-sodda jkunu magħluqa, kemm meta l-kumpressur ikun mixgħul u kemm meta jkun mitfi, il-livell ta' ħsejjes kostatati fl-istess ambjent jaqbżu l-livelli ta' 25dBA sa 35dBA;

b. Meta l-aperturi tal-Kamra tas-sodda jkunu miftuħa u l-kumpressur ikun <u>mitfi</u> il-livell ta' ħsejjes kostatati fl-istess ambjent ma jaqbżux l-livelli ta' 45dBA;

c. Meta l-aperturi tal-Kamra tas-sodda jkunu miftuħa u l-kumpressur ikun mixgħul il-livell ta' ħsejjes kostatati fl-istess ambjent jaqbżu l-livelli ta' 45dBA;

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat għandu żewġ akkużi dedotti kontra tiegħu.

Illi fl-ewwel lok, għandu jiġi rilevat li minkejja li l-parte ċivile għamlet il-kwerela odjerna, hija qatt ma xehdet f'dawn il-proċeduri u b'hekk l-allegazzjonijiet magħmulha minnha fil-kwerela tas-6 ta' Lulju 2017 baqgħu qatt ma ġew ikkonfermati bil-ġurament.

Illi di più, minkejja li l-akkużat tressaq bl-akkużi li kiser il-mistrieħ tal-parte civile bil-lejl, ma tressqet ebda prova li l-imsemmija kumpressuri huma

effettivament tiegħu. L-unika ħjiel jinsab fl-affidavit ta' PS 1191 fejn jgħid illi l-akkużat stqar li kien għamel dak kollu li seta sabiex inaqqas il-ħsejjes. Apparti li din l-istqarrija tammonta għal *detto del detto*, minn imkien ma jirriżulta li meta PS1191 kellem lill-akkużat dwar dan ir-rapport huwa ingħata id-drittijiet tiegħu skont il-liġi u b'hekk il-Qorti ser tiskarta din l-istqarrija.

Illi għandu jingħad ukoll li ma tressqet ebda prova da parti tal-prosekuzzjoni li l-akkużat huwa tassew il-persuna bil-liċenzja tal-imsemmi fond kummerċjali jew li tal-inqas hemm liċenzja maħruġa fuq dan l-istess stabbiliment kummerċjali.

Illi b'hekk in vista tas-suespost, hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova ż-żewġ akkużi dedotti kontra l-akkużat.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(2) ta' L.S. 441.07 u l-klawsoli numru 2.1 u 8 tat-Tieni Skeda ntitolata Kondizzjonijiet għall-Ġestjoni ta' Attivita' Kummerċjali tal-istess Regolamenti L.S. 441.07 qed issib lil **Kevin Christopher Agius** **mhux ħati** tal-akkużi dedotti kontra tiegħu qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**